# INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA* MILL-AĠENZIJA

Dan il-fuljett jispjega kif l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) tiġbor, tipproteġi u tipproċessa d-*data* tiegħek meta tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Aġenzija. Għal informazzjoni aktar dettaljata, jekk jogħġbok aqra l-Politika ta' Privatezza tal-Aġenzija.

Jekk jogħġbok ħu l-ħin tiegħek biex taqra l-informazzjoni f'dan il-fuljett b'attenzjoni. Inti tista' tiddiskutiha ma' ħaddieħor jekk tixtieq.

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

## Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Aġenzija: x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Huwa f'idejk li tiddeċiedi jekk tixtieqx tieħu sehem f'attività tal-Aġenzija.

Jekk tiddeċiedi li tieħu sehem, inti tista' tirtira fi kwalunkwe ħin. Ma għandekx bżonn tagħti raġuni.

Inti dejjem tista' tirrevedi d-*data* personali tiegħek u titlobna nikkoreġuha jew inħassruha. Tista' tgħidilna wkoll biex ma naqsmux jew ma nipproċessawx id-*data* personali tiegħek.

Jekk għandek xi mistoqsija jew ilment, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali (privacy@european-agency.org).

## X'tip ta' *data* personali niġbru? U għaliex?

Għall-parteċipazzjoni tiegħek, aħna jista' jkollna bżonn niġbru, naħżnu u nużaw dawn it-tipi ta' *data* dwarek:

- **Id-dettalji ta' kuntatt** (isem sħiħ, indirizz tal-email – pereżempju, biex nikkuntattjawk)

Secretariat: Østre Stationsvej 33, DK-5000, Odense C, Denmark
Tel: +45 64 41 00 20, secretariat@european-agency.org

Brussels Office: Rue Montoyer 21, BE-1000, Brussels, Belgium
Tel: +32 2 213 62 80, brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

- **Id-dettalji personali** (*data* tat-twelid, ġeneru, nazzjonalità, numru tal-identità, bżonnijiet ta' aċċessibilità, bżonnijiet dijetetiċi – pereżempju, biex nipprenotaw l-ivvjaġġar, lukandi, postijiet, ikliet)
- **Id-dettalji tal-kont tal-bank** (pereżempju, għall-pagamenti tat-tariffi jew ir-rimborż tal-ivvjaġġar)
- **Ritratti, vidjows u reġistrazzjonijiet tal-awdjo** (pereżempju, għar-rapporti u l-vidjows għat-tixrid tal-ħidma tal-Aġenzija; għat-teħid ta' noti waqt il-laqgħat u diskussjonijiet fi gruppi fokali).

## Kif nipproteġu d-*data* personali tiegħek?

Aħna għandna kontrolli interni biex nipproteġu d-*data* personali tiegħek u niżguraw li din ma tintilifx. Aħna se niżguraw li ħadd ma jkun jista' juża jew jaċċessa d-*data* tiegħek mingħajr permess.

Huma biss persuni li jaħdmu għall-Aġenzija li jeħtieġu aċċess għad-*data* tiegħek għall-iskopijiet ta' din l-attività li se jkollhom aċċess għaliha.

Aħna se nżommu d-*data* personali tiegħek biss għaż-żmien meħtieġ biex inlestu l-attività.

## Min aktar se jkollu aċċess għad-*data* personali tiegħi u jipproċessaha?

Aħna jista' jkollna bżonn naqsmu d-*data* personali tiegħek ma' oħrajn meta inti tieħu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija. Dan jista' jinkludi l-kondiviżjoni ta' *data* rilevanti ma':

- aġenti tal-ivvjaġġar, lukandi u ristoranti (meta inti tattendi avvenimenti tal-Aġenzija);
- fornituri tas-servizzi għal skopijiet speċifiċi (bħas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u s-servizzi tar-reklutaġġ);
- awdituri u awtoritajiet tat-taxxa (jekk meħtieġ mil-liġi).

## Kuntatt

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tixtieq aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali: privacy@european-agency.org.